**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 632 / 2006**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Patrick Spiteri**

Illum, 23 ta' Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Patrick Spiteri detentur tal-karta tal-identità numru 642856M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' dawn il-gzejjer f' Gunju, 2006 u matul l-ahhar sitt snin, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda:

a. Fil-kariga tieghu ta' Supretendent tal-Pulizija, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f' utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd u minhabba dan naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

b. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kariga tieghu ta' Supretendent tal-Pulizija, sew jekk kellu jew ma kellux jedda li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, liema ezazzjoni kontra l-ligi saret b' theddid jew b' abbuz ta' awtorita';

c. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b' mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil diversi persuni li jasserixxi jew jikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali tal-Pulizija, sabiex igieghel lil dawn l-ufficjali tal-Pulizija jesercitaw dik l-influwenza;

d. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali tal-Pulizija;

e. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ikkomunika fatti li kienu gew fdati lilu jew li kienu gew maghrufa minnu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu u liema fatti kellhom jibqghu sigrieti, jew illi b' xi mod ghen biex jigu maghrufa dawn il-fatti;

f. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lil diversi persuni ohra fl-atti illi bihom dawn l-istess persuni ippreparaw jew ikkunsmaw id-delitt meta dawn ghamlu lottu klandestin jew gabru l-flus tal-gugati fuqu;

g. Talli fl-24 ta' Gunju 2006 u fil-gurnata ta' qabel, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f' xi fond arma tan-nar.

Ghalhekk, b' dawn l-atti Patrick Spiteri ikkommetta tali reati, filwaqt li kien ufficjali jew impjegat pubbliku u b' hekk sar hati ta' reati li hu kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tapplika l-provvediment ta' l-Artikoli 119, 140 u 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti f' dawn il-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' Dicembru 2020, fejn il-Qorti ma setghetx issib htija fl-imputat u ghalhekk illiberatu mill-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Jannar 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassarha fejn ma sabet l-ebda ħtija fil-konfront tal-imputat Patrick Spiteri u minflok issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi piena idonea kontra l-imputat skont il-liġi tar-reati addebitati lilu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioè:-

i. L-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati skartat kompletament l-istqarrijiet tal-imputat Patrick Spiteri fejn huwa ammetta illi kien involut f'xi tip ta' *protection money* sabiex il-pulizija ma taqdix dmirha u għalhekk skartat ukoll ix-xhieda kollha li ingħata mid-diversi Uffiċjali tal-Pulizija fi ħdan il-Korp tal-Pulizija dwar l-interrogazzjoni;

ii. L-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma sabitx ħtija fl-imputat fir-rigward tal-paragrafu (d) tan-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta Frar tal-2009[1]

[1] Fol 277 tal-Atti Proċesswali.

peress li l-Att 66 tal-Liġijiet ta' Malta ġie abolit u ma baqax jifforma parti mill-ligijiet ta' Malta u għalhekk il-Qorti iddeċidiet li dawn l-artikoli m'għadhomx jikkonstitwixxu reat. L-Ewwel Qorti skartat ukoll l-istqarrija ta' Patrick Spiteri fejn jgħid li huwa ha is-senter mill-għassa ta' San Ġiljan;

iii. L-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ma ikkunsidratx il-paragrafi (e) u (f)[2] tan-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali peress li ma sabitx ħtija fl-imputat;

**L-Ewwel Aggravju:**

1. Illi l-esponent ħassu aggravat meta l-Ewwel Qorti skartat kompletament iż-żewg stqarrijiet tal-imputat Patrick Spiteri[3] peress li dawn ingħataw mingħajr id-dritt li l-imputat ikun assistit minn avukat tal-għażla tiegħu fl-interrogazzjoni. Il-Qorti qieset illi l-istqarrijiet irrilaxxati mill-imputat, kif ukoll ix-xhieda kollha li ngħatat mid-diversi uffiċjali fi ħdan il-Korp tal-Pulizija dwar l-interrogazzjoni ma għandhomx valur probatorju u għalhekk ma ikkunsidrathomx bħala prova;

2. Illi l-esponent jirrileva illi dan il-punt kien diġa ġie trattat fil-mori ta' din il-kawża meta l-Ewwel Qorti kienet resqet referenza kostituzzjonali quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali u li permezz tas-sentenza tal-25 ta' Jannar 2013[4] iddikjarat li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-imputat meta huwa ġie interrogat mingħajr l-assistenza tal-avukat. L-Ewwel Qorti iddeċidiet illi ma għandiex tikkunsidra din id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali għaliex irrikonoxxiet illi min meta ngħatat is-sentenza tal-2013 sal-ġurnata ta' meta ingħata is-sentenza appellata kien hemm diversi żviluppi fil-Qrati ta' Strasburgu u ta' Malta fuq dan il-punt tal-istqarrija mingħajr l-assistenza tal-avukat. Għalkemm l-esponent jaqbel ma l-ewwel Qorti illi kien hemm diversi żviluppi fid-deċizjonijiet tal-Qorti ta' Malta u ta' Strasburgu, huwa ma jaqbilx mal-ewwel Qorti illi dawk id-deċiżjonijiet li hija tirreferi għalijhom fis-sentenza huma s-

[2] Fol 277 tal-Atti Proċesswali.

[3] L-ewwel stqarrija tal-23 ta Ġunju 2006 a fol 20 tal-proċess u t-tieni istqarrija tal-25 ta' Ġunju 2006 a fol 45 tal-proċess.

[4] Qorti Kostituzzjonali, Referenza Kostituzzjonali Numru 66/2011 fl-Ismijiet Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri a fol 383 tal-proċess.

sentenzi riċenti u ma jaqbilx ukoll mar-raġunament tal-Ewwel Qorti illi is-sentenzi riċenti juru illi ladarba l-imputat ma kienx assistit min avukat waqt l-interrogazzjoni allura l-istqarrija tiegħu ma għandiex l-ebda valur probatorju u għandha tiġi skartata hekk kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti;

3. Fil-fatt l-Ewwel Qorti tirreferi għas-sentenża **Salduz vs Turkija**[5] deċiża fl-2008 li tirreferi għal każ kompletament differenti mill-każ odjern. Il-każ **Salduz vs Turkija** jirreferi għal żagħżugħ li kellu biss 17-il sena meta ġie arrestat u interrogat mill-pulizija mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat u ammetta li kien ħa sehem f'attivita politika illegali. Meta jumejn wara reġa ġie interrogat mill-maġistrat inkwerenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt theddid, swat u maltrattament fiżiku u psikologiku mill-pulizija. Fil-każ odjern qed nitkelmu fuq uffiċjal tal-pulizija li saħansitra kien fil-livell ta' Supretendent b'esperjenza vasta fejn jidħlu investigazzjonijiet. Allura huwa kien jaf tajjeb sew id-drittijiet tiegħu u wisq aktar kien jaf tajjeb il-konsegwenzi ta' dak li kien ser jgħid waqt l-istqarrija. Huwa qatt ma lmenta li kien hemm xi theddid jew kien sfurzat li jammetti. Anzi minn qari tal-istqarrija jidher ċar u tond illi l-imputat mill-ewwel għamel ammissjoni;

4. L-Ewwel Qorti tirreferi wkoll għal każ **Borg vs Malta**[6] li ġie deċiż fl-2016. Min dak iż-żmien il-Qorti ta' Strasburgu żviluppat aktar il-ġurisprudenza tagħha fejn jitratta l-punt tal-assistenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni. Fil-fatt l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha injorat kompletament il-gurisprudenza riċenti kemm dik tal-Qrati tagħna kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fejn ippronunzjaw illi l-fatt waħdu ta' restrizzjoni għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju ma jfissirx li jkun hemm ksur għad-drittijiet għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku u li għalhekk ma ixxoljix kompletament il-valur probatorju tal-istqarrija waqt l-interrogazzjoni;

[5] Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Strasburgu, deċiża fil-27 ta' Novembru 2008, referenza: 36391/02.

[6] Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Strasburgu, deċiża fil-12 ta' Jannar 2016, referenza: 37537/13.

5. Illi fis-sentenza **Farrugia vs Malta**[7] tal-4 ta Ġunju 2019, il-Qorti ta Strasburgu filwaqt li tagħmel referenza għas-sentenza **Beuze vs Belgium** tad-9 ta' Novembru 2018 ikkonfermat illi l-fatt waħdu ta' restrizzjoni għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx li jkun hemm ksur għad-dritt għal smigħ xieraq b'mod awtomatiku, iżda għandu jiġi adottat l-*overall fairness*, u dan billi jiġu applikati żewġ testijiet: (1) it-test tal-eżistenza ta' raġunijiet impellanti, u (2) l-eżami tal-proċess ġudizzjarju sħiħ;

6. Illi hekk kif jirriżulta mill-atti, fil-każ in eżami ma hemm l-ebda raġunijiet impellanti li jiġġustifikaw ir-restrizzjoniji għad-dritt tal-parir tal-avukat waqt it-teħid tal-istqarrija. Illi għalhekk jibqa t-tieni eżami fejn il-Qorti trid teżamina l-proċess gudizzjarju sħiħ tenut kont tal-fatti rilevanti. Il-Qorti ta' Strasburgu issemmi għaxar fatti rilevanti jew rekwiżiti illi għandom ikunu ta' gwida sabiex wieħed jeżamina il-proċess sħiħ imma din il-lista m'hijiex eżawrjenti u għalhekk tista tinkludi aktar jew anqas kriterji. Fost dawn il-kriterji li issemmi l-Qorti insibu l-kwistjoni ta' vulnerabilita' bħal per eżempju l-eta tal-imputat, jekk ir-rikorrent ingħatax dritt jappella dwar ammissibilita' ta' prova, jekk kienx hemm xi tibdil b'mod arbitrarju fl-istqarrija, il-piż ta' prova, u l-interess pubbliku fost oħrajn;[8]

7. Illi fil-każ preżenti, ma jistax jingħad illi l-imputat kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Lanqas tirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kien għalih intimidanti. Hawnhekk qegħdin nitkelmu fuq imputat li kien uffiċjal pubbliku ta' livell għoli fil-Korp tal-Pulizija li min jaf kemm il-darba kien hu stess li ħa sehem f'interrogazzjonijiet. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi, jew promessi ta' vantaġġi. Lanqas ma jidher li r-rikorrenti ma kienx qiegħed jifhem l-importanza taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom;

---

[7] Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Strasburgu, deċiza fl-4 ta' Ġunju 2019, referenza: 63041/12.
[8] Ara paragrafu 104 tas-sentenza Farrugia vs Malta (Ref 63041/13).

8. Illi l-esponenet isib li hija rilevanti ħafna dak li qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tar-referenza kostituzzjonali[9] fil-każ in ezami fejn il-Qorti qalet illi *"Fil-każ tallum ma ntweriex illi Spiteri ġie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex għamel l-istqarrija jew kien ibati minn xi vulnerabilita' partikolari xort'oħra meta għamel dik l-istqarrija. Il-Preżenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbużi bħal dawn, iżda Spiteri ma allegax li dan seħħ fil-każ tiegħu. Anzi, Spiteri kien uffiċjal tal-Pulizija, familjari mal-proċeduri tal-Pulizija u ma kienx sejjer ikun intimidat bl-interrogazzjoni."*

9. Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tkompli tgħid illi *"Relevanti wkoll huwa l-fatt illi bejn l-ewwel stqarrija u t-tieni waħda Spiteri ma kienx taħt arrest u kien ħieles li jmur għand avukat u jieħu kull parir li ried. Għalhekk, il-fatt illi dak iż-żmien ma kienx fis-seħħ l-artikolu 355AT tal-Kodiċi Kriminali jsir irrilevanti għax Spiteri ma kien jeħtieġ l-ebda permess ta' ħadd biex ikellem avukat fil-ħin li ma kienx miżmum taħt arrest. Minkejja dan mhux biss ma ħax lura dak li qal fl-ewwel stqarrija iżda tennieh fit-tieni waħda. Bħala fatt, ma huwiex minnu illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari, Spiteri ma kellux il-fakolta' vera u effettiva li jkellem avukat."* Din ir-raġuni li pronunzjat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali hija in linja mad-deċiżjonijiet riċenti tal-Qorti ta' Strasburgu u għalhekk l-ewwel Qorti ma kelliex tiskarta din is-sentenza anzi kellha tabbraċċha u timxi fuqha;

10. Illi, l-esponent jissottometti wkoll li l-piż tal-interess publiku fl-investigazzjoni u l-piena tar-reat huwa fattur relevanti ieħor li għandu jiġi meqjus fl-eżaminazzjoni tal-proċess ġudizzjarju sħiħ hekk kif tirreferi għaliħ il-Qorti ta' Strasburgu fis-sentenza **Farrugia v. Malta**. Il-Każ preżenti għandu piż enormi ta' interess pubbliku fejn qed nitkelmu fuq tixħim minn uffiċjal ta' livell għoli ħafna f'waħda mill-aktar istituzzjonijiet imporanti tal-Istat. Terga' u tgħid qed nitkelmu fuq Istituzzjoni li hija responsabbli illi tiżgura li l-liġijiet jiġu osservati. Għalhekk, meta jkollok uffiċjal tal-pulizija li hu responabli li jieħu ħsieb li ċ-ċittadini jħarsu l-liġijiet tal-pajjiż u jkun hu stess li jiksirhom, tali proċess ġudizzjarju għandu interess pubbliku kbir ħafna u l-konsegwenzi tiegħu huma gravi ħafna wkoll;

[9] Qorti Kostituzzjonali, Referenza Kostituzzjonali Numru 66/2011 fl-Ismijiet Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri a fol 383 tal-proċess.

11. Illi għalhekk ma kienitx korretta l-Ewwel Qorti meta iddeċidiet illi l-istqarrija tal-imputat ma hijiex ammissibbli u li ma għandiex l-ebda valur probatorju. Anzi, għal kuntrarju ta' dak li qalet l-Ewwel Qorti, u fid-dawl ta' dawk li ġie rilevat fil-paragrafi preċedenti, l-istqarrijet tal-imputat huma mhux biss ammissibli imma huma prova ċara u konkreta li l-imputat verament kien jieħu flus mingħand terzi bħala *protection money* għax kien hu stess li ammetta tali akkużi;

12. Fl-istqarrija tat-23 ta' Ġunju 2006, li tinsab a fol 20 tal-proċess, meta l-imputat ġie infurmat mill-pulizija li kienu qed jinterrogawħ illi kellhom informazzjoni fuqu li huwa kien qed jieħu xi flus bħala *protection money* biex jgħatti u jgħin xi persuni li huma involuti fil-logħob tal-lottu klandestin huwa wieġeb mill-ewwel illi dan kien minnu. Fl-istqarrija l-imputat isemmi ukoll l-ammonti li kien jirċievi bhala *protection money*. Terġa u tgħid huwa jikkonferma dak li qal fl-ewwel stqarrija fit-tieni stqarrija tiegħu dik tal-25 ta' Ġunju 2006 li tinsab a fol 45 tal-proċess;

13. Illi fil-mori tal-proċeduri xehdu wkoll ufficjali tal-pulizija li kienu preżenti waqt l-istqarrija fosthom dak li kienu dak iż-żmien il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo kif ukoll id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija Joseph Cachia u l-Ispettur Angelo Gafa li kollha xehdu viva vice quddiem l-ewwel Qorti dwar il-volontarjeta' tal-istqarrijiet tal-imputat;

14. Illi l-istqarrija ta' Patrick Spiteri tista' tiġi korraborata ma xhieda oħra li xehdu fil-proċeduri. L-imputat Patrick Spiteri dejjem qal fl-istqarrijiet tiegħu illi hu kien jirċievi flus m'għand Gejtu Zerafa. Xhieda oħra li xehedu fil-proċeduri bħax-xhieda ta' Nardu Cachia u Alfred Galea dejjem isemmu lil Gejtu Zerafa bħala l-persuna li kien jirċievi l-flus u li għandu kuntatt mal-Pulizija. Għalhekk l-istqarrijiet tal-imputat jistaw tiġu korraborati max-xhieda l-oħra bħal dik ta' Alfred Galea u Nardu Cachia u jkomplu jsostnu illi l-imputat Patrick Spiteri verament kien jirċievi *protection money*;

15. Illi fid-dawl ta' dan kollu li ġie rilevat fil-paragrafi preċedenti, huwa ċar illi r-rekwiżiti tar-reat li huma (1) li l-imputat kien ufficjal pubbliku, u (2) li huwa

irċieva jew aċċetta flus jew xi rigali jew wegħda jew offerta meta ma kienux dovuti skont il-liġi ġew pruvati sal-livell rikjest mill-liġi u għaldaqstant, l-esponent umilment jirrileva illi ma kelliex raġun l-Ewwel Qorti tiskarta kompletament l-istqarrija tal-imputat u tiddikjara illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-akkuzi fil-konfront tal-imputat Patrick Spiteri;

**It-Tieni Aggravju:**

16. L-esponent ħassu aggravat ukoll meta l-ewwel Qorti ma sabitx ħtija fl-imputat fir-rigward tal-paragrafu (d) tan-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali li tirreferi għal artikolu (g) u (h) tal-akkuzi. Fil-qasir din l-akkuża tirreferi għal serq ta' senter ta' marka mhux magħrufa u mingħajr numru tar-reġistrazzjoni liema serq hu kwalifikat bil-persuna u li kien qed iżommu mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

17. Ir-raguni li tat l-ewwel Qorti hija illi l-Avukat Generali kien ħareg l-artikoli li fuqhom tista' tinstab ħtija li kienu jaqraw **fl-Artikoli 2, 3(1A), 9 (1) (3), 19, 26, 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta** u li peress li dan l-att ġie abolit u ma baqax jifforma parti mill-ligijiet ta' Malta a bażi tal-prinċipju "*nullum crimen sine lege*" l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija fl-imputat a bażi tal-imsemmija Artikoli illi kif dedotti fl-akkuża u fl-imsemmija nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali m'għadhomx jikkonstitwixxu reat.

18. Illi bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti l-esponent ma jaqbilx ma dan ir-raġunament. L-akkużi fil-konfront tal-imputat ħarġu fl-2006 meta il-**Kap 66 tal-Liġijiet ta' Malta** kien għadu fis-seħħ. Dan il-Kap tal-Liġijiet ġie sostitwit **bl-Att 480 tal-Ligijiet ta' Malta** li fl-artikolu 66 tal-istess Att jipprovdi illi:

> *"(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Armi (imħassra b'dan l-Att) ma għandhomx jolqtu ebda investigazzjoni, proċediment legali jew rimedju, dwar xi kontravvenzjoni tal-*

> *Ordinanza dwar l-Armi li tkun saret qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.*
>
> (2) *Kull investigazzjoni, proċediment legali jew rimedju bħal dawk imsemmija fis-subartikolu (1) jista' jinbeda, jitkompla jewjiġi infurzat u tista' tiġi ordnata, imposta jew tiġi infurzata kull penali, konfiska jew piena li persuna setgħet weħlet qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att daqs li kieku dan l-Att qatt ma ġie fis-seħħ"*

19. Għalhekk abbażi ta' dan l-artikolu l-Ewwel Qorti ma setgħatx tapplika il-prinċipju ta' "*nullum crimen sine lege*" għax din mhix sitwazzjoni fejn il-liġi ġiet abrogata kompletament imma hija sitwazzjoni fejn il-liġi ġiet sostitwita b'att gdid. Fil-fatt l-ewwel qorti stess tgħid illi is-sustanza tal-liġi fil-Kap 480 baqgħet l-istess bħal dik tal-Kap 66. Għaldaqstant il-Qorti kellha ssib htija anki a bażi ta' dawn l-artikoli;

20. Illi lanqas ma jaqbel l-esponent ma l-Ewwel Qorti fejn qalet illi ma nġabet l-ebda prova li l-imputat seraq l-imsemmija arma. Il-prova toħrog mit-tieni stqarrija tal-imputat stess li tinsab a fol 45 tal-atti proċesswali. Kien l-imputat stess li stqarr li din l-arma huwa sabha fl-għassa ta' San Ġiljan u li huwa kien ħadha mingħajr l-ebda awtorizzazzjoni u baqa jġorra miegħu. Allura ladarba din l-arma kienet proprjeta' tal-Gvern ta' Malta huwa qatt ma seta jaqbad u jieħu proprjeta' tal-Istat u jagħmilha tiegħu. Terġa u tgħid l-imputat lanqas biss kellu liċenzja sabiex iżomm din l-arma u dan hekk kif xehdet WPS Louise Catania a fol 54 tal-atti proċesswali fejn iddikjarat illi l-imputat ma kellux liċenzja biex iżomm armi;

21. Għaldaqstant, l-esponent jirrileva illi anki riġward tal-paragrafu (d) tan-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali li tirreferi għal artikolu (g) u (h) tal-akkuzi il-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova dawn l-akkużi sal-livell rikjest mill-liġi;

**It-Tielet Aggravju:**

22. Illi l-esponent jirrileva illi t-tielet aggravju huwa konsegwenzali għall-ewwel żewġ aggravji li ressaq l-esponent fil-paragrafi preċedenti. L-esponent ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti illi qieset il-paragrafu (e) tan-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali li jirreferi għall-Artikoli 119, 140, 141 tal-Kap 9 u l-paragrafu (f) tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali li jirreferi għal Artikoli 17, 23, 23B, 30, 31, 289, 532A, 532B, 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta bħala li mhumiex applikabbli ladarba l-Qorti ma sabet l-ebda ħtija fl-imputat;

23. Illi l-esponent isostni li minn eżami tal-provi prodotti l-Qorti kellha ssib ħtija fl-imputat u dan peress li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ tagħha għal-livell rikjest mil-liġi, li huwa dak lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u li għalhekk kella issib li dawn l-artikoli huma applikabbli wkoll fil-każ in eżami.

Ghaldaqstant l-esponent ghar-ragunijiet kollha premessi, filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha tal-kawza u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li jistghu jirrizultaw fit-trattazjoni ta' dan l-appell, filwaqt li jinterponi appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi fl-okkju ta' din il-kawza ta' nhar id-9 ta' Dicembru 2020, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, wara li tkun semghet il-provi ammissibli skond il-ligi u s-sottomissjonijiet opportuni, joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tinfliggi piena idonea kontra l-imputat skont il-ligi tar-reati addebitati lilu.

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza sejra ghaldaqstant tkun limitata dwar l-eccezzjoni ta' nullita' tar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, hekk kif sollevata mid-difiza fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2021. L-appellat qieghed jargumenta illi it-talba tal-Avukat Generali, sabiex tigi revokata u mhassra is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta' l-appellat, mhux konformi mal-aggravji mressqa mill-istess Avukat Generali. Dan qieghed isostni illi l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali qieghed jigi arginat biss mal-liberazzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 115(c), tal-Kodici Kriminali, mentri b'harsa lejn fol. 277 tal-atti processwali, naraw illi gew addebitati artikoli ohra u

imputazzjonijiet ohra illi m'hemm ebda menzjonament u allura aggravju fuqhom. Allura t-talba ma tirrispekkjax l-aggravji ghax qed tintalab revoka tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fit-totalita' taghha, mentri aggravju fuq il-bqija tal-Artikoli li l-appellat gie akkuzat u liberat minnhom, fosthom Artikolu 112, 112A u 113 tal-Kodici Kriminali, fir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali m'hemmx referenza ghalihom.

Min-naha l-ohra l-Avukat Generali accenna illi t-talba tieghu tirrigwardja l-imputazzjonijiet kollha, jigifieri l-Artikoli kollha li hareg l-Avukat Generali, izda fi kwalunkwe kaz il-Qorti almenu ghandha ssib htija fuq l-Artikoli l-ohrajn imsemmijin fir-rikors tal-appell.

L-Artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

> *(1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, -*
> *(a) il-fatti fil-qosor;*
> *(b) ir-raġunijiet tal-appell;*
> *(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal- qorti inferjuri*
>
> *(2) Jekk l-appell isir mill-Avukat Generali, ir-rikors, taht il-piena ta' nullita', ghandu jkun iffirmat minnu, u ghandu jigi, flimkien mal-atti tal-process,ipprezentat mill-ewwel fil-qorti superjuri:*
>
> *Izda ma jkunx hemm il-htiega li r-registratur jinnota bil-miktub il-prezentata tal-atti tal-process.*

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' l-ahhar emenda li saret u cioe' b'Att I tas-sena 2018 il-kliem 'taht piena ta' nullita' gew imhassra u ghalhekk dan ifisser li minkejja li wahda minn dawn ir-rekwiziti ikun nieqes, **tali nuqqas ma jwassalx ghan-nullita ta' l-att.** Sintendi, qabel din l-emenda fil-ligi, l-Qrati kienu aktar rigidi fid-decizjonijiet taghhom u jekk wiehed mill-kweziti hekk kif stipulati taht Artikolu 419 (1) (a), (b) jew (c) kienu jkunu neqsin, hafna drabi l-Qorti kienet tghaddi sabiex tiddikjara l-appell

null (Ara fost ohrajn **Il-Pulizija vs Joe Borg**;[10] **Il-Pulizija vs Carmelo Pace**;[11] **Il-Pulizija vs Lawrence Gatt**;[12] u **Il-Pulizija vs Jesmond Farrugia**).[13]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Bartolomew Caruana**[14] gie kkunsidrat:

> *Ir-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali huma ta' ordni pubbliku u bhala tali huma sollevabbli ex- officcju mill-Qorti jew mil-partijiet fi kwalunkwe stadju tal-proceduri. Il-Qorti dejjem interpretat dawk il-kweziti **bl- aktar mod strett u ricidu**. Tant hu hekk, fil-kawza "Pulizija kontra Joseph Galea" deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-30 ta' Gunju 1995 intqal **'Bhala regola generali, l-Artikolu 419 (1), cioe li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza giet "very strictly and rigidly interpreted".***

Tajjeb li jinghad illi minn ezami ta' gurisprudenza ricenti, l-Qrati taghna qeghdin jiehdu attegjament kemmxejn anqas rigidu minn dak prevalenti fiz-zmien u dan bil-ghan illi, dejjem fil-parametri li tippermetti l-ligi, jkun salvagwardjat id-dritt ta' ezami iehor minn qorti superjuri. Ara f'dan ir-rigward **Il-Pulizija vs Joseph John Agius,**[15] **Il-Pulizija vs Paul Tabone,**[16] **Il-Pulizja vs Lorcharles Pace,**[17] **Il-Pulzija vs Joseph Mifsud**[18] u **Il-Pulizija vs Joseph Galea**[19] fost diversi ohrajn fejn f'din l-ahhar sentenza l-Qorti ssanat r-rikors *marte proprio* anke jekk ma kienx konformi mal-fuq citat Artikolu.

F'dan ir-rigward din il-Qorti kkunsidrat ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Wayne Fenech**,[20] fejn intqal is-segwenti:

---

[10] Deciza nhar il-21 ta' Lulju 1995, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[11] Deciza nhar it-13 ta' Mejju 1999, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[12] Deciza nhar is-6 ta' Jannar 2000, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[13] Deciza nhar it-13 ta' Frar 2001, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[14] Deciza nhar id-19 ta' Jannar, 2012, mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[15] Deciza nhar id-9 t' April 2003, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[16] Deciza nhar l-1 ta' Frar, 2013, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[17] Deciza nhar l-20 ta' Lulju, 2012, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[18] Deciza nhar l-14 ta' Mejju, 2020, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[19] Deciza nhar is-17 ta' Settembru, 2012, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[20] Deciza nhar l-10 ta' Settembru, 2018, mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

*'Illi t-talba tal-appellant hija wahda konfuzjonarja ghall- ahhar u li ma kienx ghall-emendi introdotti bl-Att I tal-2018, rikors konsimili kien ikun possibilment soggett ghal ezitu infelici. Ghalkemm l-imsemmi att emenda l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali billi nehha l-piena ta' nullita' fejn si tratta inter alia tat-talba ghat-tahsir jew tibdil tas-sentenza kif ukoll fl-artikolu 520 li jaghmel applikabbli l-artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni ta' Procedura Civili, ma jfissirx b'daqshekk illi l-appellant, ossia l- avukat difensur tieghu, jista' juri daqstant apatija u nuqqas ta' struzzjoni fil-ligi billi jixhet b'daqstant leggerezza dak kollu li jigi f'rasu fir-rikors tal-appell biex imbaghad il-Qorti tara hi x'tista' testrapola minnu. L-agir tad-difensur tal-appellant imur oltre billi azzarda jakkludi dokumenti godda mar-rikors tal-appell tieghu minghajr il-permess preventiv tal-Qorti skond id-dispost tal-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali;*

*3. Ventilat dan, u minghajr ebda dell fuq l-appellant inniffsu, din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha sia dwar is-sejbien ta' htija kif ukoll dwar il-piena u dan ai termini tal-artikolu 143 (4) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta applikabbli bl-artikolu 520 (1)(c) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi li talba ghat-thassir tinkludi talba ghat-tibdil tas- sentenza;* '(Ara wkoll **il-Pulizija vs Maria Victoria Grech**).[21]

Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa **s-simplifikazzjoni u l-kjarezza**. Il-legislatur evidentement irid li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-appellant fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob. (Ara **il-Pulizija vs Neil Zammit**).[22]

[21] Deciza nhar l-20 ta' Novembru, 2018, mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[22] Deciza nhar it-12 ta' Dicembru, 2019, mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Fil-kaz odjern huwa minnu illi l-aggravji msemmijin fir-rikors tal-Avukat Generali ma jikkombaccawx mal-istess talba tieghu u dan ghaliex l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali qieghed jigi arginat biss mal-liberazzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 115(c), tal-Kodici Kriminali, mentri b'harsa lejn l-Artikoli ta' l-istess Avukat Generali, a fol. 277 tal-process, naraw illi gew addebitati artikoli ohra u imputazzjonijiet ohra illi m'hemm ebda menzjonament u allura aggravju fuqhom u l-appellat gie liberat ukoll minn dawn l-akkuzi mill-Ewwel Qorti. L-Avukat Generali nnifsu, seduta stante, filwaqt illi accena illi t-talba tieghu tirrigwardja l-imputazzjonijiet kollha, jigifieri l-Artikoli kollha li hareg l-Avukat Generali, qal ukoll li fi kwalunkwe kaz il-Qorti **almenu ghandha ssib htija fuq l-Artikoli l-ohrajn imsemmijin fir-rikors.**

Din il-Qorti qieghda ghalhekk filwaqt li tichad l-aggravju tad-difiza dwar in-nullita' tal-appell, tiddikjara li fir-rigward ta' l-ewwel aggravju sejra tqis biss l-imputazzjoni li taqa' taht Artikolu 115(c) tal-Kodici Kriminali meta tigi biex tikkunsidra u tiddeciedi l-appell tal-Avukat Generali.

Din il-Qorti ghalhekk tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appell.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratu